Is-Sbatax-il Ħadd ta' Matul is-Sena

# Aħbar Tajba

1 Slat 3, 5.7-12
S 118 (119), 57.72.76-77.127-128.129-130
Rum 8, 28-30
Mt 13, 44-52



"Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil teżor moħbi f'għalqa, li wieħed raġel isibu u jaħbih, **u kollu ferħan imur ibigħ kull ma jkollu u jixtri dik l-għalqa."**

Qatt rajt xi film tal-pirati? Jew inkella qrajt xi ktieb li jirrakkonta xi storja dwarhom? Għalkemm l-istejjer li naqraw jew naraw fuq it-televixin ma tantx jixbhu lill-ħajjiet li tassew kienu jgħixu l-pirati, fl-istejjer tagħna dawn huma nies interessanti ħafna li telqu kollox biex jgħixu l-ħolma tagħhom. U tafu x'ħolma kellhom? Li jgħixu fil-libertà u li jsibu teżori kbar.

Tgħiduli kellhom għalfejn jivjaġġaw fuq dawn ix-xwieni kbar biex ikunu liberi? Iva, għax fuq ix-xwieni l-liġijiet ikunu ftit differenti milli fl-ibliet li kienu ġejjin minnhom. Ħafna drabi lura fil-bliet u l-irħula tagħhom kien hemm sultan, li l-biċċa l-kbira tad-drabi ma kienx ikun xi wieħed mill-ħelwin. Imma fuq ix-xini, l-liġijiet tas-slaten ma kienu jiswew xejn, għax il-liġi fuq ix-xini kienet dik tal-kaptan, u fuq xini tal-pirati, l-kaptan kien ikollu ftehim sew ma' sħabu l-pirati biex jgħixu ħajja mimlija b'dak kollu li jixtiequ. Tal-inqas hekk naqraw fl-istejjer tagħna! Imbagħad hemm it-tieni parti tal-ħolma, dak l-imbierek teżor. Ħafna drabi l-istejjer jibdew b'xi mappa misterjuża lejn gżira ċkejkna li ħadd qatt ma jkun sema' biha. Malajr il-kaptan tal-ispedizzjoni jgħaqqad grupp ta' pirati u jibda l-vjaġġ avventuruż u mimli perikli lejn din il-gżira tal-mappa. Hemmhekk, fejn il-mappa hi mmarkata b'salib kbir, hemm moħbi teżor mill-isbaħ.

Fl-Evanġelju tal-lum Ġesù ma jkellimniex fuq pirati, imma l-istorja ddur ma' teżor moħbi f'għalqa, li xi ħadd isib u jixtieq li jkun tiegħu. Għalhekk jitlaq id-dar u jbigħ kull ma kellu biex jixtri l-għalqa. Min jaf kemm kellu affarijiet għal qalbu, imma kollox biegħ, għax kien jaf kemm kienet tiswa aktar dik l-għalqa. Imma għaliex taħsbu li Ġesù qed ikellimna fuq it-teżor? Forsi n-nies meta raw lil dak ir-raġel ibigħ kollox biex jixtri għalqa ħasbuh miġnun. Fejn se joqgħod jekk biegħ id-dar? Imma dak ir-raġel kien jaf li bit-teżor seta' jixtri dar ħafna aħjar. Issa Ġesù qed jurina li għalkemm, fil-ħajja, hu sabiħ li jkollok ħafna affarijiet, imma hemm xi ħaġa ta' valur ħafna akbar, u din hi s-Saltna tas-Smewwiet. Ġesù qed iħeġġiġna biex bħal dak ir-raġel li nduna kemm l-għalqa kienet tiswa, naħdmu biex niksbu dan l-akbar teżor.

Fuq kollox dan huwa li jgħallmuna l-qaddisin li ħallew ħafna affarijiet li kienu importanti għalihom biex jirbħu s-Saltna tas-Smewwiet.

## Sib il-Kelma

**Fost l-ittri t'hawn taħt għandek issib dawn il-kelmiet moħbija marbuta mas-silta li għadna kif qrajna. Aqbad lapes u dur dawn l-ittri biex issib il-kliem mistur.**
SALTNA, SMEWWIET, TEŻOR, MOĦBI, ISIBU, FERĦAN, IBIGĦ, JIXTRI, NEGUZJANT, ĠAWHAR, XIBKA, XATT, KANNESTRI, TAJJEB, ANĠLI, ĠUSTI, ĦŻIENA, ĦUĠĠIEĠA.

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| A | P | O | Ħ | U | Ġ | Ġ | IE | Ġ | A |
| F | K | A | N | N | E | S | T | R | I |
| E | A | T | S | M | E | X | A | T | T |
| R | N | O | M | IE | M | A | J | N | A |
| Ħ | Ġ | T | E | Ż | O | R | J | Ż | N |
| A | L | D | W | IE | Ħ | T | E | X | E |
| N | I | X | W | X | B | A | B | I | G |
| Ħ | U | Ġ | IE | Ġ | I | S | I | B | U |
| S | A | L | T | N | A | T | B | K | Z |
| Ġ | E | J | I | X | T | R | I | A | J |
| Ġ | A | W | H | A | R | A | GĦ | S | A |
| M | Ġ | U | S | T | I | N | A | G | N |
| Ħ | Ż | IE | N | A | P | S | N | A | T |





**Minn kliem il-Papa Franġisku**

"Ejjew kollha kemm aħna niftakru din: wieħed ma jistax ixandar l-Evanġelju ta' Ġesù mingħajr ma jkun hu stess xhud tal-Evanġelju bil-mod kif jgħix il-ħajja tiegħu."

L-għemil tiegħek huwa mera ta' dak li tgħid bil-kliem? Jew hemm baħar jaqsam?

Aħbar **Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq



**info@sayitmalta.com**

Grazzi.


**AGĦŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!**

**AGĦŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST**



**SAY IT!**

**ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST**

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web



**Promozzjoni**

Issa tista' tirreklama fuq

Aħbar **Tajba**

Dan il-fuljett joħroġ kull ġimgħa u jitqassam fil-parroċċi kollha ta' Malta u Għawdex.

Ċemplilna fuq 2569 9100 jew ibgħatilna email fuq info@sayitmalta.com



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation.
Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION